

32004D0511

L 211/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.6.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****ta' l-10 ta' Ġunju 2004****li tikkonċerna r-rappreżentanza tal-poplu ta' Ċipru fil-Parlament Ewropew fil-każ ta' ftehim dwar il-problema ta' Ċipru**

(2004/511/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-2003, u partikolarment l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta minn għand il-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew ripetutament issottolineja il-preferenza qawwija tiegħu għall-adeżjoni ta' Ċipru bħala pajjiż magħqud. S'issa, għandu ma ntlaħaqx ftehim komprensiv għall-problema ta' Ċipru u l-għaqda mill-ġdid tal-gżira.
- (2) Skond l-Artikolu 189 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Parlament Ewropew jikkonsisti fir-rappreżentanti tal-popli ta' l-Istati li jingħaqdu flimkien fil-Komunità. Il-Membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti b'suffraġju universali dirett bi qbil ma' l-Artikolu 190 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 108 tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom <sup>(1)</sup>, kif emendat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom <sup>(2)</sup>. (minn issa msejjaħ "l-Att ta' l-1976").
- (3) Il-Membri tal-Parlament Ewropew għat-terminu li jmiss li jkopri l-perjodu bejn l-2004 u l-2009 ser ikunu eletti fl-elezzjonijiet li għandhom isiru bejn l-10 u t-13 ta' Ġunju 2004. Skond l-Artikolu 11 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, in-numru ta' rappreżentanti eletti f'Ċipru mill-bidu tat-terminu 2004-2009 għandu jkun ta' sitta. Iżda l-elezzjonijiet għal dan it-terminu 2004-2009 mhumiex ser isiru fil-parti ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

- (4) Biex tiġi ggarantita r-rappreżentanza u d-drittijiet elettorali taċ-Ċiprijotti kollha, fil-każ ta' ftehim komprensiv, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għall-għeluq kmieni tal-mandat tar-rappreżentanti tal-poplu ta' Ċipru fil-Parlament Ewropew eletti fl-2004 jew felezzjonijiet sussegwenti u li jsiru elezzjonijiet straordinarji f'Ċipru kollu għat-terminu taż-żmien li jkun baqa' tal-Parlament Ewropew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Fl-eventwalità tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim komprensiv għall-problema ta' Ċipru, id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw b'deroga minn Artikolu 190 (3) tat-Trattat tal-KE kif ukoll l-Artikolu 5 u l-Artikolu 10 (1) u l-Artikolu 11 (2) ta' l-Att ta' l-1976:

- (a) Il-mandat tar-rappreżentanti eletti tal-poplu ta' Ċipru fil-Parlament Ewropew għandu jintemm mall-ftuħ ta' l-ewwel sessjoni tal-Parlament Ewropew wara l-elezzjonijiet kif imsemmija fil-punt (b).
- (b) Elezzjonijiet straordinarji tar-rappreżentanti tal-poplu ta' Ċipru fil-Parlament Ewropew għandhom isiru f'Ċipru kollu għall-bqija tat-terminu 2004 — 2009 jew xi terminu sussegwenti tal-Parlament Ewropew fil-ġurnata tal-Ħadd li tiġi wara t-tmiem tal-perjodu ta' erba' xhur wara l-adozzjoni mill-Kunsill, bi qbil ma' l-Artikolu 1 (2) tal-Protokoll Nru. 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, ta' l-ewwel deċiżjoni ta' l-irtirar tas-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-acquis.
- (c) Il-mandat tal-membri tal-Parlament Ewropew eletti fl-elezzjonijiet imsemmija f'(b) għandu jibda mall-ftuħ ta' l-ewwel sessjoni tal-Parlament Ewropew wara l-elezzjonijiet imsemmija f'(b) u għandu jintemm mall-ftuħ ta' l-ewwel sessjoni tal-Parlament Ewropew wara l-elezzjoni li jkun imiss.

<sup>(1)</sup> ĠU L 278, tat-8.10.1976, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 283, tal-21.10.2002, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-10 ta' Ġunju 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. AHERN

---